# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 96/2014**

Il-Pulizija

vs

**Raymond Grixti**

iben Anthony, imwieled Mtarfa, fid-19 ta’ Novembru, 1966, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 483266(M)

Illum, 30 ta' Settembru, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Raymond Grixti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar il-21/09/2013, ghal habta tas-12:00hrs waqt li kien gewwa Triq San Luqa, San Pawl il-Bahar:

1. Ingurja lil u/jew martu Ann-Fleur Grixti u lil uliedu Luke Grixti u Julian Grixti bi kliem jew jekk kien ipprovokat ingurja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
2. Bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu Ann Fleur Grixti u uliedu Luke Grixti u Julian Grixti biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali;

3. Qal kliem oxxen fil-pubbliku jew ghamel atti jew gesti oxxeni;

4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika bi storbju, ghajjat u/jew glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Frar, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 339(1)(e), 251B(1), 338(bb), 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Raymond Grixti hati skont it-tieni (2) akkuza dedotta fil-konfront tieghu u obbligatu li jzomm il-kwiet mal-istess Anne-Fleur Grixti, Luke u Julian Grixti u li jzomm il-bon ordni ma' kulhadd, u jekk b'xi mod li jkun jonqos minn din l-obbliagzzjoni, obbligatu li jhallas is-somma ta' elf euro (€1000) penali u din l-obbligazzjoni ghandha tibqa' isehh ghal zmien sena.

Filwaqt li l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuza dedotta kontra Raymond Grixti, waqghu preskritti.

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Grixti minnu pprezentat fis-6 ta' Marzu, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell billi **tirriforma** s-sentenza apppellata u **tirrevokaha** fil-parti fejn sabitu hati tat-tieni imputazzjoni fil-waqt li **tikkonfermaha** fil-parti fejn iddikjarat l-ewwel (1), it-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjonijiet bhala preskritti u illiberatu mill-istess, u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, htija u piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fl-ewwel lok l-esponenti jirrileva illi huwa ma seta' qatt jinstab hati tat-tieni akkuza peress illi b'dak li rrizulta li ghamel l-appellant, l-Ewwel Qorti ma kellhiex provi sufficjenti biex issib htija fl-appellant ghax oggettivament ma kienx hemm l-elementi kollha tar-reat u b'mod partikolari ma kienx hemm *a course of conduct*. Konsegwentement, jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi.

Il-Qorti tal-appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. A. Cachia) vs Massimo Tivisini deciza 27 ta' Frar, 2009 (Appell Kriminali Numru. 351/2008)** qalet illi:

*"L-artikolu 251B johloq ir-reat ta' min bl-imgieba tieghu jikkaguna li haddiehor jibza' li ser tintuza vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjeta' tieghu meta jkun jaf jew imissu jkun jaf li l-imgieba tieghu ser tikkaguna lil xi hadd iehor hekk jibza' kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet. Dan hu r-reat dedott fit-tieni imputazzjoni. Hawnhekk jidhol l-istess kriterju enuncjat fl-art. 251A u cioe' li persuna li l-imgieba taghha tkun dubjuza ("whose course of conduct is in question"), jmissha tkun taf li ser tikkaguna biza' f'haddiehor li ser tintuza vjolenza kontrieh f'xi okkazzjoni jekk persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku tahseb li dik l-imgieba tkun ser tikkaguna biza' fil-persuna l-ohra f'dik l-okkazzjoni. Igifieri hawn it-test hu wiehed oggettiv tar-reasonable man. Hemm ukoll f'dan l-artikolu l-iskuzanti kontemplati fl-artikolu 251A(3)(a)(b) u (c) u dik li l-imgieba addottata mill-persuna akkuzata kienet wahda ragjonevoli ghal harsien taghha jew ta' haddiehor jew ghall-harsien tal-proprjeta' taghha jew ta' haddiehor".*

Illi apparti minn hekk l-akkuza *de quo* tirrikjedi "*Words, conduct or action repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose*",

Issa l-Qorti tal-appell fil-kawza appena citata qalet illi: *dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-".... f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta'zmien."*

Illi mill-assiem ghalhekk ghandu jirrizulta b'mod car illi fil-kaz de quo la gie ppruvat l-element oggettiv u lanqas ta' ripetizzjoni.

In fatti huwa car anke mill-akkuza stess li hawn si tratta ta' incident wiehed f'data wahda u f'hin wiehed partikolari. Hekk l-akkuza taqra "talli nhar il-21/09/2013 ghal habta ta' 12:00hrs" u ma ssemmixx granet ohra. Illi ghalhekk mill-mod kif inhi dedotta t-tieni akkuza stess, din ma tistax

tirrizulta peress li anke fl-akkuza nfisha l-element ta' mgieba ripetittiva (*course of conduct*) ma jirrizultax.

Apparti minn hekk dan l-element ma gie mkien ippruvat. Infatti waqt il-provi hareg car illi dan kien l-unika incident li sehh bejn il-partijiet minn mindu kienu sseparaw legalment fit-2009 'il quddiem. Illi ghalhekk huwa car li dan kien incident wiehed.

Illi apparti minn hekk lanqas l-element oggettiv ma gie ppruvat. In fatti dan kien kaz fejn missier mar jigbor lill-uliedu ghall-access u peress li wiehed mit-tfal kien sejjer imur xoghol flok imur ghall-access l-esponenti hassu ddispjacut u bhala missier li xtaq iqatta hin ma ibnu pprova jipperswadi lil ibnu jmur ghall-access u naturalment hassu ddispjacut ferm x'hin dan ma sehhx. Pero' dan mhux element oggettiv ta' biza li ser tintuza vjolenza. Tant ma hemmx dan l-element ta' biza' illi meta l-esponenti mar jigbor lit-tfal dawn nizlu minn jeddhom u sussegwentement wara dan l-incident l-esponenti rega kellu access ghal uliedu b'mod normali u it-tfal marru ghall-access bla problemi.

Illi fil-konfront tal-ex mara tal-appellant Ann Fleur Grixti ukoll ma jistax jirrizulta dan l-element ta' biza' peress li apparti minn kollox din il-persuna lanqas biss kienet fuq il-post, izda giet wara ftit tal-hin u x'hin rat li l-imputat ma riedx kliem u li wliedha kienu qeghdin gewwa baqghet sejra bil-karozza.

Illi apparti minn hekk tenut kont tal-fatt illi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kaz sudett l-incident in kwistjoni ma jridx jittiehed *in vacuo* imma fl-isfond tar-retroxena tal-partijiet huwa altru milli car li ma kellu jkun hemm qatt biza' da parti tat-tfal minn missierhom jew da parti tal-ex mara mill-imputat. Illi ghalkhekk anke minn dan il-lat dan l-element oggettiv ma jissussistix.

Illi ghalhekk huwa car illi ma jezistux l-elementi kostitutivi ghar-reat ravvizat fit-tieni imputazzjoni.

ILLI fit-tieni lok l-appellanti jikkontendi illi *dato ma non concesso* li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li l-provi migjuba jistghu jammontaw ghal prova tal-fatti koncernanti t-tieni akkuza,

jibqa l-fatt illi zgur ma hemmx l-element intenzjonali u allura anke minn dan il-lat ma giex ppruvat il-*mens rea* peress li fil-kaz de quo si tratta ta' missier li mar ghall-access ta' wliedu u spicca dizappuntat meta wiehed mit-tfal ipprefera jmur ftit xoghol part-time milli jmur ma missieru ghall-access. U allura kif gie ppruvat mix-xhieda tal-appellant stess ma kien ebda element intenzjonali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan il-kaz idur mal-fatt li fil-21 ta' Settembru, 2013 l-appellant kellhu jigbor iz-zewg titfal tieghu mid-dar ta' ommhom billi hu kellu access ghalihom bejn nofs in-nhar u l-erbgha ta' wara nofs in-nhar. Hu wasal ghal habta ta' nofs in-nhar neqsin kwart u kif kien jaghmel cempel biex it-tfal jinzlu. Gara li l-kbir gie msejjah ix-xoghol, kien qed jahdem fis-sajf, u meta sar jaf b'dan l-appellant beda jghajjat f'nofs ta' triq. Hu car li dak in-nhar l-appellant tilef il-kontroll tieghu u agixxa b'mod li qatt missier ma ghandu jgib ruhu quddiem it-tfal tieghu.

Illi konsegwenza ta' dan l-agir sar rapport lill-pulizija u l-appellant safa' akkuzat skont l-akkuzi hawn fuq indikati.

Illi hu car li dan il-komportament kien ta' darba. Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' ibnu Luke li l-istess Luke kien skantat bil-komportament ta' missieru u ma setghax jifhem ghaliex missieru kien irrabjat, meta hu stess ried li ibnu jkun biezel u jmur ghax-xoghol. Qed jinghat li dan kien komportament ta' darba ghaliex ghajr ghal dak in-nhar it-tfal dejjem komplew imorru mieghu u l-access kien dejjem wiehed normali.

Illi a bazi tal-provi prodotti hu car li dan kien l-uniku incident. Hu gie akkuzat li kiser l-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali izda biex dan il-ksur jissussisti certi elementi ghandhom jikkonkorru ghal dan il-ghan. Wiehed mill-elementi necessarju hu li jrid ikun hemm ripetizzjoni ta' l-azzjoni. F'dan il-kaz, l-incident kien wiehed u izolat. Hawnhekk, qed issir referenza shiha ghall-appell deciz minn din il-Qorti fl-ismijiet: Il-Pulizija v. Massimo Tivisini, deciz fis-27 ta' Frar, 2009, appell numru 351/2008, per l-Imhallef Joseph Galea Debono.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, tikkonferma s-sentenza appellata fejn gie dikajart li l-ewwel, it-tielet u ir-raba' akkuza migjuba kontra l-appellant huma preskritti. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar it-tieni akkuza, fejn din il-Qorti ma ssibux hati ta' dik l-akkuza u ghalhekk tilliberah minn kull htija u piena.